Unjoni Solari

Abbord l-istazzjon spazjali tal-Unjoni Solari rajna lil Mars tixref taħtna, bix-xemx daqs ċenteżmu mill-antiki tiddi fil-bogħod. Pawlu poġġa ħdejna u ferra grokk ta' xi spirtu li kien ġab miegħu mid-Dinja.

"X'inhu dan?" staqsejtu, hekk kif xammejt l-ispirtu jaħraq.

"Palinka, mill-Ungerija," weġibni, hekk kif ħareġ xi oġġetti oħra mill-basket u beda jqassam lill-oħrajn, pakkett żrieragħ mir-repożitorju ta' Svalbard lil Anton, għasel mill-gżejjer Maltin lil Gouvain, birra mill-Belġju lil Mark, żrieragħ tar-rummien mill-Alcazar ta' Sevilja (dawn għalija qalilna), u nuċċali tax-xemx sofistikat minn Merkurju lil Luċija.

Kull sena, fiż-żmien meta l-pjaneta l-ħamra tkun fl-eqreb punt lejn id-Dinja, kien jivvjaġġa ma' delegazzjoni politika għal laqgħat ma' ambaxxaturi, politiċi u mexxejja tal-pjaneti l-oħrajn. Il-laqgħat kienu jsiru fil-binja tal-Unjoni Solari fuq il-qamar u kien ikun hemm dinjitarji minn Mars, mid-Dinja, minn Venere u minn Merkurju u dan l-aħħar anke minn Ċeres.

Niżżilt il-grokk u ħassejt l-ispirtu jinżel jaħraq u jixgħelli sidri. Luċija, l-iżgħar waħda fostna, bdiet iddawwar in-nuċċali, affaxxinata bir-raffinatezza teknoloġika.

"Din xi ħaġa li jagħmel kull sena Pawlu?" staqsietni.

"Iva. Pawlu l-akbar wieħed fostna u jiftakar iż-żmien ta' qabel l-Unjoni Solari, meta l-pjaneti kienu fi gwerra ma' xulxin. Il-gwerra kienet ilha għaddejja, minn mindu l-ewwel refuġjati mid-dawra tal-Mediterran ħarbu lejn Mars u bdew kolonja hawnhekk."

"X'beda l-ġlied?"

"Min jaf? Il-gwerra kienet ilha għaddejja f'xi forma jew oħra minn żmien żemżem. Ġlied dwar territorju u riżorsi, speċjalment ħabba l-faxxa tal-asterojdi hawn barra," weġibtha.

"Sakemm fl-aħħar kulħadd kien għeja u mxebba' wara sekli ta' ġlied," qal Pawlu, "U fit-Trattat ta' Malta, il-mexxejja l-ġodda tal-pjaneti qablu dwar il-ħela ta' ġenerazzjonijiet ta' żgħażagħ u li kien ikun aħjar kieku jiffukaw il-ħiliet u l-enerġija tagħhom għall-benefiċċju tal-umanità kollha. U dik kienet iż-żerriegħa li nibtet l-Unjoni Solari li nafu llum."

"Grazzi tan-nuċċali Pawlu," qaltlu Luċija.

"Ta' xejn," weġibha, "Qabel, anke fi żminijiet bierda tal-gwerra bejn il-pjaneti, meta bejn wieħed u ieħor stajna nivvjaġġaw bejn il-pjaneti, ma kellekx ċans li tivvjaġġa bil-libertà kif nagħmlu issa. Il-burokrazija, il-permessi u l-formoli ma kienu jispiċċaw qatt. Kien żmien ieħor. Illum għandna sens ħafna akbar ta' kooperazzjoni mingħajr xkiel ta' x'jgħaqqadna bħala bnedmin."